10 ta' Frar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Lorenza Ciantar

**Tfal — Nuqqas ta' Kura Tagħhom — Art. 353 (j) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Hemm ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuni kull min, meta hu fid-dmir li jieħu ħsieb ta' tfal, jew ta' persuni oħra li ma jkunux kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom, jonqos milli jieħu ħsieb kif jinħtieġ ta' dawk it-tfal jew ta' dawk il-persuni.*

*Din id-dispożizzjoni tal-liġi però ma testendix ruħha għal dawk li jkunu saru maġġjorenni.*

Il-Qorti, — Fuq l-akkuża magħmula mill-Pulizija kontra l-imputata talli l-Hamrun, fl-aħħar tliet xhur ta' qabel it-taħrika, naqset li tieħu ħsieb kif jeħtieġ ta' bin żewġha Joseph Ciantar, ta' 17-il sena u nofs, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-19 ta' Diċembru 1950, sabet lill-imputata ħatja; u wara li rat l-art. 353 (A) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatha għall-ammenda ta' 10s., u tatha żmien tmint ijiem biex iddaħħal il-minuri f'darha, taħt penali ta' 2s. għal kull ġurnata ta' ritard;

L-imputata appellat quddiem dina l-Qorti kontra dik is-sentenza;

Il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi, rat l-attijiet tal-kaw-

ża, u semgħet sew l-avukat ta' l-appellanti kemm l-Avukat tal-Kuruna ;

Skond l-art. 353 (j) tal-Kodiċi Kriminali, huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min, meta hu fid-dmir li jieħu l-ħsieb ta' tfal, jew ta' persuni oħra li ma jkunux kapaċi li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, jonqos li jieħu ħsieb kif jinħtieġ ta' dawn it-tfal jew persuni oħra ;

L-imputata tiġi t-tieni mara ta' missier Joseph Ciantar li għandu sbatax-il sena u xi xhur, u tinsab il-kap tad-dar fejn joqogħdu b'residenza wied ir-raġel tagħha, barra wieħed li hu miżżewweġ. Irriżulta li l-imputata keċċiet lil Joseph Ciantar barra mid-dar u ma tridux magħha, ħlief taħt ċerti kondizzjonijiet u garanziji (fol. 25), u ġie li ħalliet lil dak Joseph Ciantar bla ma pprovdietlu l-ikel, għax toħroġ u ssakkar id-dar. Huwa minnu li dak Joseph Ciantar kien iġib ruħu ħażin ferm fid-dar, jiffrekwenta kumpannija oġġezzjonabili, u ma jurix rispett lill-imputata. Iżda, kif irrilevat l-Ewwel Qorti, dana ma kienx jiġġustifika lill-imputata tkeċċi lil Joseph Ciantar mid-dar definitivament u tħallih jiġġerra barra u jiddependi mill-karità u l-ħniena ta' ħadd ieħor ; iżda messha fittxet rimedji oħra skond il-liġi. Il-kondotta riprovevoli ta' Joseph Ciantar tiġġustifika mitigazzjoni tal-piena ;

L-artikolu tal-liġi fuq imsemmi jikkontempla l-każ ta' tfal, u għalhekk ma jestendix ruħu għal dawk li jsiru maġġorenni, għax min jagħlaq il-maġġorenità huwa ġuvni, u ma hux tifel, u jista' jibda jieħu ħsieb tiegħu nnifsu ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputata fuq id-dikjarazzjoni tal-ħtija, u fuq dan tikkonferma s-sentenza appellata ; iżda tilqa' l-appell fuq il-piena u l-penali, billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tbiddel il-piena f'ammonizzjoni u riprensjoni, u tillimita l-penali sakemm Joseph Ciantar jagħlaq it-tmintax-il sena. Salvi lil Joseph Ciantar id-drittijiet ċivili, jekk u skond il-liġi. It-terminu jibda mil-lum.

---